L-ewwel xena li dehret fil-Kunċert kienet "ir-Rewwixta' tal-Bdiewa" li fiha s-Sur Ant. Diacono (ĠANNI) ma satâx jaħdem aħjar il-biċċa tiegħu: fit-tieni xena, li kienet "il-Ġemgħa għall-Fidwa", is-S.na Karmelina Borg (ROŻI) ħadmet: u mita ġiet biex, lejliet it-tieġ, tâti ħwejjiġha tat-tieġ (ġhies) għall-fidwa ta' Malta, bikkiet lil kullħadd tant bil-ħidma tagħha, tant bil-versi sbieħ li kellha fil-ġrajja.

In-nisġa tal-Ġrajja tkompliet f'erba' Tableaux Vivants li, bis-saħħa ta' l-artist Malti s-Sur Ġanni Vella, irnexxew tal-għaġeb: u l-iżjed ta' l-aħħar: id-dehra tal-Madonna lin-nies tal-Ġrajja waqt li nstemgħet bil-kant: "*Is-Sliem għalik, Sultana: omm tal-ħniena ħajja ħlewwa tama tagħna. Sliem għalik, lilek ingħidu.*

Il-Bniet ta' l-Iskola tal-Gvern għalqu l-Kuncert bis-sabiħ Innu Malti tal-Prof. R. Samut. Inġibu hawn il-kliem tiegħu tal-Prof. D. Karm Psaila:

**"Lil din l-art ħelwa, 'l-omm li tatna isimha**
**Ħares, Mulej, kif dejjem Int ħarist:**
**Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.**

**Ati, kbir Alla, d-deh'n lil min jaħkimha,**
**Rodd il-ħniena lis-sid, saħħa 'l-ħaddiem:**
**Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem."**

Il-Kunċert irnexxa: dnub li l-*Għaqda* tilfet il-flus flok li qalgħet kif kellha bżonn! iżda qalgħet ħaġa aqwa mill-flus għax bdan il-Kunċert uriet is-sbuħija, il-ħlewwa u l-qawwa tal-Isien Malti.

(jissokta.)

IXTRU

IT-TAGħRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA

Jinbiegħ 10 soldi.

XINHU L-MALTI SAFI

Jinbiegħ 3 soldi.

Minn għand

CRITIEN TAL-KOTBA

34. SDA. REALE, VALLETTA

# INWISSU.

—Billi ma tantx fadlilna kopji ta' l-ewwel għadd tal-MALTI, inwissu lil min għandu xi ismijiet ta' mseħbin u għad ma bagħthomlniex, li jħittex jibagħthomlna.

**—Nitolbu 'l-Imseħbin ta' Barra li jibagħtulna l-ħlas mill-iżjed fiss. Il-ħlas jinbagħat lil F. S. Caruana 19, Sda. Reale-Valletta.**

—Sikwit igemgmulna li l-Malti qiegħed joħroġ ftit wisq darba kull tliet xhur: għandhom raġun: iżda xgħandna nagħmlu? iħabirku biex isibulna mseħbin iżjed u aħna nikkuntentawhom.

# MIS-SENAT.

FIL-LAQGħA TIEGħU TAT-13 TA' MARZU 1925.

Onor. Kur. A. SAMUT: Minnflok surmast għall-malti, (*) ma kienx ikun aħjar li s-salarju jintefaq f'ħaġa aħjar, jiġifieri li wieħed jipprova jqiegħed floku (*standardise*) il-lsien malti billi joħroġ grammatka u hekk ikun hemm xi etimoloġija minn flok dil-għażla bla raj u bla ħsieb ta' l-ittri li bihom daż-żmien qegħdin jinbnew il-kliem malti? Nixtieq nisma' x'jidhrilhom is-Sur Galea u l-Monsinjur Galea li tant iħabirku biex jatu f'idejn il-poplu letteratura mexxejja bil-malti.

Onor. FONSU M. GALEA: Billi semmew ismi ngħid li jien tassew ktibt ħafna bil-malti u ħriġt ħafna faxxikli bil-malti; iżda fuq il-grammatka li l-Onor Kur. Samut jixtieq jara stampata ngħid li billi l-Gvern dan l-aħħar stampa waħda, ma hemmx għal fejn tiġi stampata oħra. Barra minn din, hemm ħafna grammatki oħra: iżda din l-aħħar li ħarġet.

Onor. Rev. E. DANDRIA (Ministru tat-Tagħlim): Dan li kont sejjer ngħid jien: għad illi l-Gvern, dil-ħaġa ma qalagħhiex jew ħa ħsiebha hu, kien hemm xirka ta' kittieba maltin jisima' *l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* għat-tixrid u t-tagħlim tal-lsien malti (*per lo standardisation of the Maltese language*.) Din ix-xirka talbet li l-Gvern jistampalha dan ix-xogħol tagħha u hekk sar. **Ma naħsebx li l-Gvern jista' jkollu nies aħjar minn dawk li lestew u għenu għall-ħruġ ta' dan ix-xogħol.**

(*) Il-Gvern, sa mis-sena l-oħra, qata' li jagħmel klassi bil-lejl tal-lsien Malti fil-Liceo, iżda nistħu ngħidu li s'issa għad ma bdietx għax erbgħa biss inkitbu s-sena l-oħra!

BEJNIETNA

I ir lill-Prof. Patri Daniel Callus O.P. milli kitbrfl ħħrln. I-MALTI u fejn wegħdna xi k.tba tiegħtf **na P**[n] ^jj™ pfatkruh nl-wegħda u nittamaw h ma tantx iħal5

**M** ^FwtVħafna ittri li waslulna—tant minn Malta kemj R Barra — inġibu din biss biex nuru x'jaħsbu fuqna u fuqj Een Maħi, ħutna la' Barra:

H KA/iN NAZ/JONAI 1 MALTI
Pjazza B.ib el-Ħadid.
Kajr, Eġittu.
**8** ta'April, **1925.**

Għażiż Sinjur,

Ni/zik-ħajr għall-ħsieb tieghek ligħoġbok tibagħtli "IL ¦ MAI.TI" tax-xahar ligħadda li sibtu mimli b'bosta qari sabiħ u ta' fejda.

Urejtu lil bosta hbieb tiegħi u kollha, għelenija, faħħru I-ħsieb patrijottiku tagħkom litoħorġu "QARI" bil-Malti għat-tixrid tas-sabiħ ilsien taghn.i.

Aħna, Maltin ta'Barra, għalkemm nafu ilsna oħra, dejjem. nagħmlu ħilitr.a kollha biex inxerrdu 1-Lsien Malti il-għaliex nafu li dan għalina hu katina li żżommna magħqudin fil-karattru nazzjonali tagħna.

Bravi, tħahtu dejjem u qatt taqtgħu qalbkom mix-xkielli tagħdulkom ma' nġlejkom dawk, ligħax moħhom dejjaq, dejjem lkasbru l-Lsien t'Art twelidhom.

It-tnq li tridu tgħaddu minnha m'hix tal-wita, iżda r-rieda **agT.**kom tal-ħad.d, .i-hs.eb sitfi I, bih qegħdin tmexxu 1-Għaqda 1 i Ma. i^ssalkon, sal-truf tagħha, u f'din il-mixja ta' £hL?'?ªT[n] 'ISS,bu ^k'ħajnuna ta' kull minn f'sidru għandu fiidbbdt il-qalb ta veru Malti.

Dejjem tiegħek,
FREDU NICHOLAb

Lis-sur F.S. Caruana
*vtgretarju.*
Ghaqda tal-Kittieba tal-Maħi
MALTA.

I
I

Stumpàt U-EMI'IHE PHESS. •

i.T.ELET KT.EB
B'vVWEL SENA

SETTEMBRU
**1925**

# IL-MALTI

## QARI

*s,*
*P*

11 TOĦROĠ

***IL-GĦAQDA TAL-KI7TIEBA TAL-MALTI***

**KULL TLIET XHUR**

XFIH DAN IL-GĦADD

j H-Cħaqda tal-Kittieba tal-Malti-Il-Aw'" fid-Dar ta U j J .(DUN PAwg-X'Qasma ta' Qalb !(C.M.D.)-H Kastell SantAn- *!" (KAN G.M. FARRUGIA)-Id-Dwell f'Malta fi żm.en 1-Ordni *fvżt* GATT)_I1-Grammatka Maltija fiċ-ċokon **(F. S. CARUANA)** "n« (G.M.A.) - Mistoqsijiet u Tweġibiet (A.C4- Ħal" (G.V.)-Qiegħ ilBaħar(M.)-Nimxu 1-Qudd.en, (KA* ^l[u]SAN L-It-Tilqfm(ş.B.)-Ġenş il-Malti ***^ J ^ T ^ £ t*** f[bulna] "» weġibna—It-Tallaba **(GUŻEMICALLEFGOGGI)** P""'* il-Għaqda. , • L ICM. D=Nutar Karlu Micallef De Caro, U- ***V*** pssallo; S.B.-,t-Tabib Salvu Borg.j